KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA
Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558
Tel:  +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt

# Rapport Amministrattiv 2025
# Kunsill Lokali Ħal Luqa

## Laqgħa Annwali tal-Lokalità

### L-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026

## Werrej:

Il-Kunsill Lokali — Paġna 3

Seduti tal-Kunsill u responsabbiltajiet — Paġna 4

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2025 — Paġna 8

Rapport finanzjarju għas-sena 2025 — Paġna 12

Rapport ta' ħidma miktub mill-kunsilliera — Paġna 14

Konklużjoni finali — Paġna 21

# 1. Il-Kunsill Lokali

Skont l-aħħar data uffiċjali disponibbli, il-popolazzjoni ta' Hal Luqa hija stmata li hija madwar 6,100 resident. Għalhekk, skont il-liġi tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa huwa magħmul minn seba' kunsilliera, b'Sindku u Viċi Sindku eletti direttament mill-poplu.

Mil-lat amministrattiv tal-Kunsill Lokali huwa preżentement immexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn tlett uffiċjali full-time u full timer oħra li hija ħaddiema tal-komunita`. L-għan tal-amministrazzjoni tal-Kunsill huwa l-koordinazzjoni ta' ħidmet il-Kunsill Lokali, l-amministrazzjoni tal-finanzi u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet li jittieħdu waqt is-seduti mill-kunsilliera.

Hal Luqa hija waħda mill-eqdem lokalitajiet fin-nofsinhar ta' Malta u għandha storja twila li tmur lura għal żminijiet medjevali, u probabbilment anke qabel. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, Hal Luqa kellha rwol strateġiku importanti minħabba l-preżenza tal-ajruport militari. L-ajruport ta' Hal Luqa kien wieħed mill-aktar installazzjonijiet importanti tal-forzi alleati f'Malta. Il-lokalità sofriet ħsarat kbar minħabba bombardamenti, u ħafna binjiet ġew meqruda jew imħassra serjament.

Wara l-gwerra, Hal Luqa kompliet tiżviluppa bħala lokalità residenzjali. Illum hija magħrufa għall-komunità magħquda tagħha, il-festi tradizzjonali, u l-assoċjazzjonijiet volontarji li jikkontribwixxu għall-ħajja kulturali u soċjali tal-lokalità. Il-viċinanza mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta tagħmel lil Hal Luqa lokalità importanti ukoll mill-aspett infrastrutturali.

Parti mill-lokalità hija ż-żona ta' Hal Farruġ, magħrufa għall-ambjent aktar kwiet u rurali tagħha. Din iż-żona għandha wkoll importanza storika u hija assoċjata ma' kappelli antiki u tradizzjonijiet lokali.

## L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta kif ġej:

**Is-Sinjura Astrid Pell** — **Segretarju Eżekuttiv**
Kap amministrattiv, finanzjarju u eżekuttiv tal-Kunsill Lokali. Responsabbli mill-operat u l-ħidma sħiħa tal-Kunsill Lokali, l-amministrazzjoni, il-finanzi, ir-riżorsi umani u r-relazzjonijiet mal-Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern.

**Is-Sa Angie Refalo** — **Uffiċjal Amministrattiv II**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett amministrattiv. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ġbir u rimi ta' skart goff, permessi, ħlasijiet, ilmenti, mill-applikazzjonijiet marbuta mal-Awtorità tat-Trasport u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

| | |
|---|---|
| **Is-Sa Ingrid Borg** | **Uffiċjal Amministrattiv II**<br>Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett finanzjarju, mill-aspett tal-korrispondenza, u remunerazzjoni tal-membri tal-Kunsill u pagi tal-ħaddiemas. Responsabbli mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità kif approvati waqt is-seduti, rimborż minn skemi maħruġa u fondi oħrajn. |
| **Is-Sur Malcolm Muscat** | **Uffiċjal Amministrattiv I**<br>Jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv f'diversi laqgħat. Jassisti mill-aspett amministrattiv. Responsabbli mill-ġbir ta' kwotazzjonijiet, jassisti lis-Sindku fuq xogħlijiet ta' barra, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |

*Matul din is-sena l-ħaddiema tal-komunità sekondati mal-Kunsill Lokali kienu:*

Is-Sur Richard Formosa
Is-Sur Francis Grech
Is-Sur Brian Ellul
Is-Sur John Gauci
Is-Sur Charles Seguna
Is-Sur Charles Buhagiar
Is-Sur Hector Camilleri

## *Responsabbiltajiet tas-Sindku u l-kunsilliera attwali*

## Sindku – Is-Sur John Schembri

- Il-laqgħat tal-Kunsill u rappreżentanza legali
- L-estimi u l-kontroll tal-Finanzi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv
- Assenjazzjoni tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill
- Proġetti Infrastrutturali inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna, l-għamara tat-toroq u sinjali
- L-enerġija – dawl tat-toroq
- Community Police, LESA, kameras tas-sigurta`, u permessi
- Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati

- Devoluzzjoni ta' proprjeta` tal-Gvern Ċentrali
- Għaqdiet Mużikali, sports, dawk volontarji
- Trasport Lokali tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv
- Rappreżentant tal-Kunsill – Teżorier GALXLOKK
- Osservazzjoni tal-ħidma kollettiva tal-Kunsill

## Kunsillier – Frederick Aquilina

**Fondi Ewropej u Skemi**

- Self Employed , negozji u l-kummerċ
- Industrija – MEPA

## Viċi Sindku – Keith Bartolo

**Ambjent**

- Ġonna u soft areas, qtugħ ta' ħaxix
- Rappreżentant tal-Kunsill Reġjun Nofsinhar
- Trasport Pubbliku, u Bus Shelters, tabelli
- Tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi
- Harsien tal-bandli kollha inkluż Family Park Hal Farruġ
- Jassisti lis-Sindku

Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558

Tel: +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt


## Kunsillier – Jeffrey Scicluna

**Kultura u Edukazzjoni**

- L-istorja u l-kultura
- Edukazzjoni għall-adulti inkluż korsijiet akkadameċi
- Il-Librerija Pubblika Lokali
- Il-Kunsill Skolastiku
- Ġemellaġ – Fiumicino u Gallo D'Oro
- It-tradizzjonijiet folkoristiċi – attivitajiet fuq skala kbira u inizjattivi, inkluż is-servizz u korsijiet għal kulħadd

## Kunsillier – Andrew Cassar

**L-Anzjani u Persuni b'Diżabilita`**

- Ċentru ta' Matul il-Jum, San Vinċenż
- Tilqim, Berġa tas-Saħħa
- Inizjattivi relatati mas-saħħa u anzjanita` attiva
- Liason Officer PN

## Kunsillier – Anton Gatt

**Indafa Pubbliku**

- Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali
- L-Awtorita` tal-Artijiet
- Suq fil-beraħ
- Promozzjoni għall-isseparar tal-iskart
- Il-knis u t-tindif tat-toroq inkluż l-isqaqin rurali
- Il-latrini pubbliċi u l-ħasil tat-toroq

## Kunsillier – Matthew Spiteri

**Iż-Żgħażagħ u Sports**

- Awtorita` tad-Djar
- Harsien tal-Annimali
- Ċimiterji – Il-kuntatt mal-Knisja fuq iċ-ċimiterju
- Liason Officer PL

- ## Formazzjoni tal-Kunsill Lokali (2024 – 2029)

| | |
|---|---|
| *Is-Sur John Schembri* | Sindku (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Frederick Aquilina* | Kunsillier (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Keith Bartolo* | Viċi Sindku (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Jeffrey Scicluna* | Kunsillier (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Andrew Cassar* | Kunsillier (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Anton Gatt* | Kunsillier (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Matthew Spiteri* | Kunsillier (minn Lulju 2024 sal-lum) |

## • 3. Il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2025

*Rapport mis-Sindku John Schembri u s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell*

### Introduzzjoni

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa matul is-sena 2025 wettaq firxa wiesgħa ta' inizjattivi u proġetti ta' natura infrastrutturali, soċjali u ambjentali. Ġew organizzati diversi attivitajiet għall-komunità, fosthom il-Karnival għat-tfal, Luqa Sajf Fest, Jum Hal Luqa, il-Podcast ma' Ricky immirat lejn iż-żgħażagħ, il-baned li animaw it-toroq ta' Hal Luqa u Hal Farruġ fi żmien il-Milied. Sar ir-restawr tant meħtieġ fuq l-Istatwa ta' St Andrija.

Bħala Sindku għandi diversi oqsma li jaqgħu direttament taħt ir-responsabbiltà' tiegħi li huma Proġetti kapitali, Toroq, Infrastruttura, Għaqdiet Mużikali, Sportivi u oħrajn. Nista ngħid wiċċi bil-quddiem li kull meta fittixtuni dejjem sibtuni u tajtkom l-għajnuna li kellkom bżonn u hekk ser nibqa' nagħmel għax nemmen bil-qawwa kollha fil-volontarjat.

Bħala Sindku responsabbli mill-Infrastruttura dejjem kelli f'moħħi li nara t-toroq kollha ta' Hal Luqa u Hal Farruġ fi stat tajjeb. Hija ix-xewqa ta' kulħadd li jkollna toroq tajbin u nagħmel diversi laqgħat ma' l-awtoritajiet konċernati biex jiġu indirizzati dawk it-toroq li jinsabu fi stat ħażin. Jekk wieħed idur dawra fir-raħal jista' jara b'għajnejh numru ta' Toroq li nbnew mill-ġdid. Grazzi lill-Gvern Ċentrali ta' din l-għajnuna. Bil-ħidma għaqlija tal-Kunsill Lokali u bl-għajnuna ta-Gvern Ċentrali wettaqna l-akbar investiment ta' toroq ġodda f'Hal Luqa matul dawn is-snin taħt it-tmexxija tiegħi.

Il-Kunsill Lokali mhuwiex it-toroq u il-Proġetti Kapitali biss, għalkemm huma importantissimi. Hemm diversi oqsma oħrajn li l-Kunsill iħares lejhom bħala prijorità bħal Kultura, Edukazzjoni, Anzjani, Ambjent u Indafa, Żagħżagħ u Sports u oħrajn. Nista ngħid li l-Kunsill qiegħed jagħmel sforz kbir u jaħdem f'dawn l-oqsma.

### Infrastruttura

L-aktar qasam li n-nies tħares lejh b'importanza huwa dak tat-toroq, bankini, dawl u servizzi infrastrutturali oħrajn. Hija x-xewqa ta' kull wieħed u waħda minnha li jkollna toroq tagħna fi stat tajjeb. Il-Kunsill Lokali waħdu qatt ma seta' jidħol fi proġetti ta' natura kapitali minħabba limitazzjoni ta' fondi. Konxju ta' din il-problema l-Gvern Ċentrali kien jest li jgħin il-Kunsill Lokali biex dawk it-toroq li l-kunsill iħoss li huma fi stat ħażin jingħataw wiċċ ġdid bit-tarmac. Din kienet għajnuna kbira għall-Kunsilli Lokali, tant li l-fondi li kienu jingħataw għall-manutenzjoni tat-toroq xorta se jibqgħu għad-diżpożizzjoni tal-kunsill. Bħala Sindku responsabbli mit-toroq u proġetti kapitali kelli diversi laqgħat ma' Infrastructure Malta fejn f'isem il-kunsill lokali tajt l-ewwel lista ta' toroq li jinsabu fi stat ħażin u għandhom bżonn li mill-aktar fis possibbli jingħataw servizzi ġodda u wiċċ ġdid bit-tarmac. Dawn it-toroq huma: Triq G. Trigance, Triq Indri Micallef u Triq il-Karmnu. Bi pjaċir inħabbar li dawn kollha saru grazzi għall-Gvern Ċentrali ta' dan l-għajnuna.

Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558

Tel:  +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt


## Edukazzjoni

Fil-qasam edukattiv bqajna naħdmu mill-viċin  mal-iskola. Ta' kull sena niffinanzjaw kotba ġodda għal-librerija. Ta' kull sena ukoll nippreżentaw kotba li jingħataw lil dawk it-tfal li jkunu ngħataw premju f'Jum il-Premjazzjoni.

## Anzjani

Matul is-sena l-Kunsill jorganizza diversi ħarġiet, fost dawn insemmi Għawdex u Sqallija li huma ferm popolari. Kien ta' sodisfazzjon li l-Kunsill irnexxielu jirbaħ l-ewwel premju ta' €50,000 tal-European Mobility Week Competition. Permezz ta' dan il-van, l-anzjani tagħna jagħmlu l-qadi tagħhom ta' kuljum.

## Ambjent

Biex inżommu r-raħal tagħna nadif għamilna ftehim mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fejn żidna ħames ħaddiema  kif ukoll sweeping machine. Barra minn hekk, il-kunsill joffri ukoll is-servizz għall-gbir ta' skart goff. Minn naħa l-oħra l-ġbir tal-iskart normali, matul din is-sena waqa' taħt ir-responsabbilta` tar-Reġjun Nofsinhar. Minkejja li nagħmlu dak kollu possibbli biex inżommu r-raħal tagħna nadif, xorta għad fadal ftit nies li jiġu jaqgħu jqumu.

## Jum Hal Luqa

Għal darb'oħra, ġie organizzat Jum Hal Luqa. Il-Kunsill ħaseb li f'din l-okkażjoni jingħata Ġieħ Hal Luqa lis-Sinjura Leanne Ellul, il-Bajada Brothers u Dr Noel Camilleri. Tajna rikonoxximent lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ikkontribwixxew u għollew isem Hal Luqa.

## Inħarsu 'l quddiem

Bħala Kunsill ukoll irnexxielna naħtfu l-opportunitajiet kollha permezz ta' fondi addizzjonali disponibbli mid-Development Planning Fund, mill-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jitwettqu proġetti ta' fejda fiż-żona ta' Hal Farruġ u Hal Luqa. Skemi oħrajn li rnexxielna naħtfu l-opportunitajiet kienu minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni tal-Politika, ir-Reġjun Nofsinhar, flimkien ma' persentaġġ ta' fondi li joħorġu mill-Kunsill Lokali. Qabel ma jiġu approvati dawn il-fondi, il-Kunsill Lokali jintalab ċertifikat tal-awditur fejn jiddikjara li l-istess kunsill qiegħe f'qagħda finanzjarja stabbli u għandu l-kapaċita` li joħroġ il-perċentaġġ għal kull proġett mitlub bla ma jfixkel l-operat kontrattwali tal-kunsill skont il-liġi li tirregola l-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill Lokali jixtieq jirringrazzja lir-Reġjun Nofsinhar li jikontrobwixxi permezz ta' fondi lil-lokal ta' Hal Luqa. Il-Kunsill Lokali jixtieq jirringrazzja lill-għaqdiet li jagħtu appoġġ u servizz lill-komunita` ta' Hal Luqa.

Il-Kunsill Lokali jesprimi l-apprezzament u r-ringrazzjamenti tiegħu lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom għall-ġid tal-lokalità, filwaqt li jagħraf u jippremja l-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom.

KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA
Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558
Tel: +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt

# 4. Rapport finanzjarju għas-sena 2025

*Luqa Local Council*

**STATEMENT OF FINANCIAL POSITION**
As at 31 December 2025

| | Notes | 2025 | 2024 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| **ASSETS** | | | |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 3 | 423,480 | 502,090 |
| | | 423,480 | 502,090 |
| **Financial Asset** | | | |
| Available for sale investments | 4 | 217,559 | 214,867 |
| | | 217,559 | 214,867 |
| **Current Assets** | | | |
| Trade and other receivables | 5 | 67,407 | 59,584 |
| Cash at bank and in hand | 6 | 778,265 | 775,540 |
| | | 845,672 | 831,545 |
| **TOTAL ASSETS** | | 1,486,710 | 1,548,502 |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | | |
| **Capital and reserves** | | | |
| Retained Fund | | 1,332,640 | 1,292,832 |
| Investment revaluation reserve | | 17,556 | 14,867 |
| | | 1,350,196 | 1,307,699 |
| **Liabilities** | | | |
| **Current Liabilities** | | | |
| Short term borrowings | 7 | 0 | 0 |
| Trade and other payables | 8 | 136,514 | 240,803 |
| Total Liabilities | | 136,514 | 240,803 |
| **TOTAL RESERVES AND LIABILITIES** | | 1,486,710 | 1,548,502 |

The notes on pages 8 to 23 are an integral part of the financial statements.

KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA
Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558
Tel: +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt



## STATEMENT OF PROFIT OR LOSS AND OTHER COMPREHENSIVE INCOME
Year Ended 31 December 2025

| | Notes | 2025 € | 2024 € |
|---|---|---|---|
| **REVENUE** | | | |
| Funds received from central government | 9 | 532,533 | 569,771 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 10 | 13,596 | 16,697 |
| Income raised under Law Enforcement System | 11 | 4,001 | 2,894 |
| General income | 13 | 12,667 | 12,160 |
| | | 562,797 | 601,522 |
| **EXPENDITURE** | | | |
| Personal emoluments | 14 | (206,940) | (174,479) |
| Operations and maintenance | 15 | (90,039) | (361,737) |
| Administration and other expenditure | 16 | (226,347) | (268,997 |
| | | (523,325) | (805,213) |
| **OPERATING INCOME FOR THE YEAR** | | 39,472 | (204,161) |
| Gain on sale of property, plant and equipment | | | |
| Investment income | 12 | 334 | 101 |
| **INCOME FOR THE YEAR** | | 39,806 | (204,060) |
| **OTHER COMPREHENSIVE INCOME** | | | |
| Increase in fair value of available-for-sale investments | 4 | 2,692 | 5,418 |
| **TOTAL COMPERHENSIVE INCOME FOR THE YEAR** | | 42,497 | (198,642) |

The notes on pages 8 to 23 are an integral part of the financial statements.

# 5. Rapport ta' ħidma miktub mill-kunsilliera

## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Frederick Aquilina*

Matul din is-sena komplejt inżomm ruħi viċin ir-residenti taĦ 'al Luqa u ta' Ħal Farruġ, billi żort diversi familji permezz ta ''house visits' u attendejt bosta attivitajiet fosthom wirjiet u kunċerti mtellgħin mill-għaqdiet tar-raħal tagħna.

Tul is-sena ħdimt b'impenn sħiħ sabiex nassigura li l-interessi tal-komunita' tagħna jibqgħu mħarsa. Il-qasam ambjentali huwa għal qalbi ħafna u fost l-aktar inizjattivi importanti li ħadt sehem fihom flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera, kien hemm il-protezzjoni ta' medda ta' art ta' madwar 3,500 metru kwadru li kienet oriġinarjament ippjanata bħala spazju miftuħ iżda kienet spiċċat taħt theddida ta' żvilupp. Insistejna u ddefendejna b'mod ċar il-ħtieġa li din l-art għandha tinżamm bħala spazju miftuħ għall-familji tagħna.

Assistejt ukoll diversi residenti li kienu qed jaffaċċjaw problemi relatati ma' skart mormi b'mod illegali, fejn ħdimna flimkien biex jiġu indirizzati dawn l-inkonvenjenzi.

Bħala Kunsill, komplejna nsaħħu l-valuri u l-identità tal-lokalità tagħna. Organizzajna Jum Ħal Luqa, fejn tajna rikonoxximent lil dawk il-Ħalluqin li taw kontribut sinifikanti lejn il-komunità tagħna u lejn pajjiżna. Organizzajna wkoll 'Luqa Sajf Fest', lejl ta 'divertiment għall-familji kollha w attività tal-Karnival għat-tfal fil-pjazez ewlenin, li ħolqot atmosfera sabiħa ta 'ferħ u komunità. Barra minnhekk, organizzajna Pasta Night b'risq il-festa tal-Vitorja fĦ'al Farruġ, attività oħra li laqqgħet flimkien ir-residenti.

Sabiex inkompli nkabbar l-għarfien tiegħi u nkun nista 'nagħti aktar kontribut, attendejt ukoll laqgħa organizzata mis-SEM – Servizzi Ewropej f'Malta, fejn ksibt aktar għarfien ta' kif nistgħu bħala Kunsill nagħmlu użu aħjar mill-fondi Ewropej biex inwasslu aktar proġetti li jservu lill-komunità tagħna.

## *> Rapport ta’ ħidma mill- Viċi Sindku Keith Bartolo*

Nixtieq nesprimi l-apprezzament tiegħi lill-komunita’ kollha għall- għajnuna u r-rapporti li ta' sikwit nirċievu mingħandkom. Il-kooperazzjoni tagħkom tgħinna nindirizzaw sitwazzjonijiet li forsi lanqas inkunu konxji tagħhom. Nifhmu li kultant xi tħassib jiġi espress fuq il-midja soċjali, iżda nħeġġukom sabiex l-ewwel tikkuntattjaw lill-Kunsill direttament, minħabba li mhux kull każ jista' jiġi solvut immedjatament. Napprezzaw ħafna l-kooperazzjoni tagħkom.

Ringrazzjament sinċier imur ukoll lill-organizzazzjonijiet kollha f’Ħal Luqa u f'Ħal Farruġ għall-kooperazzjoni kontinwa tagħhom fl-organizzazzjoni tal- attivitajiet imtella'. Inħeġġu lil kull min jixtieq jorganizza xi attività biex jikkuntattjana għall- għajnuna. Fl-aħħarnett nirringrazzja mill-qalb lill-voluntiera kollha li b’dedikazzjoni kbira jgħinu fil-parroċċa – il-kontribut tagħkom huwa tassew apprezzat.

*> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna*

## Wirjiet, attivitajiet u proġetti mwettqa minni fis-sena 2025

Din is-sena, bħas-sena ta' qabel, kienet waħda mpenjattiva ħafna anki minħabba l-fatt li kelli sena sħiħa. Wirjiet, organizzazzjonijiet, preparamenti, okkażjonijiet u attivitajiet li nħossni kburi li dħalt għalihom b'ruħi u ġismi fejn pruvajt nolqot lil kulħadd.

1. **Wirja – Holm, Tiżwiq u Tila.** – Bejn il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2025 u baqgħet sejra sal-Ġimgħa 7 ta' Frar 2025.
2. **Party tal-Karnival għat-Tfal Kollha!!** – l-1 ta' Marzu 2025
3. **Poster kbir fil-pjazza biex jippromwovi l-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira**
4. **Tiżjin bix-xemgħat fuq iz-zuntier tal-knisja** – Hamis ix-Xirka 2025
5. **Esibizzjoni ta' fotografija u xogħol mill-istudenti tal-iskola Primarja** - Bejn il-Hamis 15 ta' Mejju 2025 u baqgħet sejra sas-Sibt 17 ta' Mejju 2025.
6. **Jum Hal Luqa – Għoti ta' Ġieħ Hal Luqa u Rikonoxximenti** – L-1 ta' Ġunju 2025
7. **LUQA SAJF FEST 2025** – Il-Ġimgħa 22 t'Awwissu 2025
8. **Pasta Night f'Ħal Farruġ** – Il-Ġimgħa 5 ta' Settembru 2025
9. **Dwal fil-gallariji għall-okkażjonijiet diversi**
10. **Pink October/Movember Awarness** – L-Erbgħa 22 t'Ottubru 2025

Nemmen li minkejja dawn l-attivitajiet kollha li kelli, għad baqali s-saħħa u r-rieda li noħloq u nwettaq iktar xogħol għar-residenti ta' Hal Luqa u Hal Farruġ. Nixtieq nara iktar involviment u interess minn kulħadd għax inħoss li nistgħu inkunu aħjar kemm bħala Maltin u kif ukoll bħala Halluqin li għandna għall-qalbna ir-raħal tagħna.

KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA
Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558
Tel:  +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt

## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Andrew Cassar*

Għaddiet sena oħra, sena li ġabet sfidi ġodda li l-maġġoranza tagħhom ġew megħluba. Hafna minnkom ir-residenti ta' Hal Luqa avviċinajtuni biex inkun ta' għajnuna għalikom u jien bħal ma' tafu dejjem aġixxejt u għamilt l-almu tiegħi biex l-affarijiet iseħħu. Dan dejjem kien possibbli għax dejjem sibt l-għajnuna miż-żewġ naħat tal-kamra tal-Parlament kif ukoll minn NGO's. Minn hawn nirringrazzjhom tal-kontribut tagħhom.

Peress li d-dekasteru tiegħi huwa dak ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u Anzjanita', jien dejjem kont hemm biex nagħti l-għajnuna tiegħi fejn meħtieġ, inkun ta' sapport u bqajt inżur lil dawk l-anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom. Bħal ma' tafu jien dejjem kont u nibqa disponibbli biex kull min ikollu bżonn ifittixni u minn naħa tiegħi nagħmel l-almu tiegħi biex ikun ta' servizz għalikom. Jien nibqa dak il-persuna li nisma, naġixxi u nibqa nsegwi fuq dak li nkun smajt.

KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA
Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558
Tel:  +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt

## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Anton Gatt*

Din is-sena kienet waħda impenjattiva immens għall-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa u l-istess Kunsill daħal għal dan l-impenn b'ħeġġa u dedikazzjoni kbira.

Il-dekasteru tiegħi huwa tal-Immaniġjar tal-Iskart u l-Indafa Pubblika. Dan id-dekasteru kien ta' sfida kbira minnu nnifsu biss bil-kooperazzjoni tar-residenti qed jirnexxielna nżommu l-l-lokalità ta' Ħal-Luqa nadifa kif jixraqilha.

B' inizjattiva li l-Kunsill Lokali ta' Hal-Luqa flimkien mad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni ħa, dis-sena ukoll saret kollaborazzjoni sabiex wara kull attività li saret fil-festa, sar it-tindif neċessarju tat-toroq, f'ħinijiet bikrin ta' filgħodu.

Jien inħossni grat li nofforma parti minn dan il-Kunsill mhux biss għaliex ir-residenti fdaw il-fiduċja tagħhom fija imma għaliex dan l-impenn nagħmlu b'dedikazzjoni kbira.

Min naħa tiegħi ukoll inwiegħed lir-residenti li ser nagħmel l-impenji tiegħi sabiex inkunu nistgħu inkomplu nieħdu ħsieb l-istess lokalita`, speċjalment dak li jirrigwarda l-ispazzju pubbliku. Inwiegħed ukoll illi l-Kunsill Lokali ser jimpenja iktar ruħu sabiex ikun hemm iktar infurzar f'dak li jirrigwarda il-ħinijiet u l-ġbir tal-iskart.

# KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA

Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558

Tel:  +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt


## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Matthew Spiteri*

Bħala kunsillier responsabbli mill-isport, is-sena li għaddiet kont ħabbarjt li l-ħsieb tiegħi kien li norganizza diversi attivitajiet sportivi. Madankollu, meta kkunsidrajna li fil-lokalita' tagħna diġà jsiru numru konsiderevoli ta' attivitajiet sportivi, ħsibt li jkun ħafna aktar utli li niffoka fuq inizjattivi li jiġbdu mhux biss lis-settur sportiv, iżda liż-żgħażagħ b'mod aktar wiesa'. Għaldaqstant, ħriġt bl-idea innovattiva' li norganizza diskussjonijiet politiċi maż-żgħażagħ għall-ewwel darba fir-raħal tagħna, li fissret pass importanti għad-djalogu u l-impenn ċiviku.

Għalkemm xtaqt ħafna niżżel dawn id-diskussjonijiet fil-pjazez, sabiex inkunu nistgħu nkellmu lin-nies b'mod dirett, dan sfortunatament ma kienx possibbli minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp.

- L-ewwel diskussjoni, li saret f'Mejju ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa, fuq il-mezzi soċjali rat parteċipazzjoni ta' madwar 50 elf persuna, li minnhom 26 elf kienu żgħażagħ bejn it-18 u l-35 sena.
- It-tieni diskussjoni, li saret f'Ottubru u li ġiet organizzata din id-darba f'Hal Qormi permezz ta' kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi kkonfermat is-suċċess tal-inizjattiva. Din ukoll ġibdet udjenza ta' 120 elf ruħ, fosthom 52 elf żagħżugħ, kważi d-doppju ta' dawk li attendew fuq il-mezzi soċjali fl-ewwel laqgħa.

Dan ikkonferma li l-attività kienet qed tikber b'mod naturali u li diġà qed tattira udjenza fuq livell nazzjonali. Għalhekk il-ħsieb tiegħi hu li nkompli nkabbar u nsaħħaħ din l-inizjattiva fis-snin li ġejjin.

Barra minn hekk, apparti x-xogħol kontinwu li jsir kuljum ġewwa l-Kunsill Lokali, taħt id-dekasteru tiegħi jaqgħu tliet ċimiterji li r-responsabbilta' tagħhom hija tal-Gvern Ċentrali.  F'dan il-kuntest ħadt diversi inizjattivi biex intejjeb l-istat u l-manutenzjoni tagħhom:

- Naddaft żewġ ċimiterji li kienu għal żmien twil fi stat mhux tant tajjeb.
- Ġie installat dawl ġdid fiċ-Ċimiterju ta' San Tumas, fiċ-Ċimiterju tat-Triq Belt Valletta u fiċ-Ċimiterju tal-Pesta f'Wied il-Knejjes, li issa jistgħu jiġu miżjura anke filgħaxija b'aktar sigurtà.
- Saru tiswijiet essenzjali fis-saqaf tal-kappella li tinsab fiċ-Ċimiterju tat-Triq Belt Valletta.
- Qiegħed jiġi installat kanċell ġdid fiċ-Ċimiterju tal-Pesta f'Wied il-Knejjes sabiex jitjieb l-aċċess u l-ambjent ġenerali tal-post.

Minbarra dawn ir-responsabbiltajiet, qiegħed inħares ukoll lejn is-saħħa u s-sigurtà tal-annimali abbandunati fil-lokalità tagħna. F'dan ir-rwol:

- Installajt sinjali ġodda madwar il-lokalità sabiex inħeġġu s-sewwieqa jnaqqsu l-veloċità, speċjalment fejn hemm żoni magħrufa ta' trejqa u għalf tal-annimali.
- Żdiedu wkoll speed bumps f'ċerti toroq sabiex titnaqqas ir-riskju ta' inċidenti u tinħoloq ambjent aktar sigur kemm għall-annimali kif ukoll għar-residenti.

Nemmen bis-sħiħ li l-annimali jiffurmaw parti mill-ekosistema soċjali tagħna, u għalhekk ħdimt sabiex ikunu protetti b'mod xieraq u responsabbli.

# KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA

Ċentru Ċiviku, 174, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa LQA 1558

Tel:  +356 21665533, Email: luqa.lc@gov.mt


## 6. Konklużjoni finali

F'dan il-kuntest, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa jibqa' impenjat li, fuq kollox, jimplimenta l-pjan ta' ħidma mfassal għas-snin 2024–2029.

Bħala Kunsill ukoll irnexxielna naħtfu l-opportunitajiet kollha permezz ta' fondi addizzjonali disponibbli mid-Development Planning Fund, mill-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jitwettqu proġetti ta' fejda fiż-żona ta' Hal Farruġ u Hal Luqa. Skemi oħrajn li rnexxielna naħtfu l-opportunitajiet kienu minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni tal-Politika, ir-Reġjun Nofsinhar, flimkien ma' persentaġġ ta' fondi li joħorġu mill-Kunsill Lokali. Qabel ma jiġu approvati dawn il-fondi, il-Kunsill Lokali jintalab ċertifikat tal-awditur fejn jiddikjara li l-istess kunsill qiegħe f'qagħda finanzjarja stabbli u għandu l-kapaċita` li joħroġ il-perċentaġġ għal kull proġett mitlub bla ma jfixkel l-operat kontrattwali tal-kunsill skont il-liġi li tirregola l-Kunsilli Lokali.

Ma jkunx prattikament possibbli li jiġi ppreżentat rendikont dettaljat ta' kull attività li twettqet matul is-sena preċedenti. Madankollu, ta' min jenfasizza li, lil hinn minn dak kollu li ġie msemmi hawn fuq, il-Kunsill Lokali, permezz tal-amministrazzjoni tiegħu, kompla jissorvelja u jmexxi b'mod kontinwu diversi kuntratti eżistenti, filwaqt li nieda wkoll inizjattivi u ftehimiet ġodda għall-benefiċċju tal-komunità.

Minkejja l-isfidi varji li jiltaqa' magħhom tul is-sena, jista' jingħad li l-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul l-2024 kienet waħda konsistenti u pożittiva, b'impenn kontinwu sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti u jiġi sostnut l-iżvilupp tal-lokalità.

Huwa importanti wkoll li jiġi rikonoxxut li l-Kunsill ma jaħdimx waħdu. Il-kisba ta' dawn ir-riżultati ma kinitx tkun possibbli mingħajr il-kontribut, l-appoġġ u l-kollaborazzjoni ta' diversi individwi, entitajiet u partijiet interessati. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali jesprimi l-apprezzament sinċier u r-ringrazzjamenti tiegħu lil dawk kollha li, b'xi mod jew ieħor, taw is-sehem tagħhom għall-ġid u l-iżvilupp tal-lokalità.

**Imressaq u approvat illum l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2026 waqt seduta numru 29.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Astrid Pell |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |
| Kunsill Lokali Ħal Luqa | Kunsill Lokali Ħal Luqa |